LXXIII OTTUBRU 1999

# IL-MALTI



19002

# Editorjal

Kull xirka jeħtiġilha, minn żmien għal żmien, iddur dawra magħha nfisha ħalli tara hijiex tabilħaqq taqdi l-ħsieb li għalih inġabret flimkien. Għax iż-żminijiet jinbidlu u aħna nitħarrku magħhom. 'Tempora mutantur et nos mutamur in illis' jgħallem it-tiġrib tal-ħajja sa mill-eqdem żmien.

Malta rat tqanqila liema bħalha meta t-Tabib Filippo Sceberras sejjaħ Assemblea Nazzjonali fl-1919 fil-'La Giovine Malta', il-Belt, sabiex il-Maltin ifasslu proġett ta' Awtonomija. Din seħħet fl-1921. Kien żmien muftieħ għall-istorja ta' Malta.

Ġużè Muscat Azzopardi, l-ewwel president tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kellu sehem kbir fil-mixja tal-ġrajjiet ta' dik l-Assemblea Nazzjonali. B'għaqlu u b'ħiltu, għaddiet tiegħu fejn jorbot l-ilsien Malti, fi żmien bikri meta l-Malti kien għadu barrani għal kollox fil-ħajja Maltija. Kellu jgħaddi qrib nofs seklu sabiex fl-1964 Malta Indipendenti tagħraf il-Malti bħala l-Ilsien Nazzjonali ta' Malta.

Fl-1920 twieldet Il-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum nafuha bħala L-Akkademja tal-Malti. Minn dak in-nhar sal-lum, bit-tiela' u bin-nieżel, ix-xirka baqgħet tgħix. U ħadd ma jista' jiċħad li, għalkemm sa l-1939 il-Għaqda sabet min jinbixha, kif tgħallem l-istorja, madankollu, kemm bis-sabar u kemm bil-għaqal ta' min kellu f'idejh it-tmexxija tal-Għaqda fl-imgħoddi mal-mixja tas-snin, l-Akkademja tal-Malti rnexxielha tagħmel il-ġid u tgawdi rispett.


LXXIII 1999

IL-MALTI



*Bord Editorjali:*
*Editur:*
Is-Sur Achille Mizzi
President

*Membri:*
Is-Sur Carmel Azzopardi M.A.
Is-Sur Joseph Borg B.A.
Dr Charles Briffa Ph.D.
Is-Sur Charles Coleiro

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti



*Il-Qoxra:*
Disinn ta' xebba ta' razza sewda.

Willie Apap (1918-1970)
*Ħajr lill-Kuratur tal-Mużew ta' l-Arti*

Disinn mill-Koperattiva Outlook, 1999.
Mitbugħ mill-University Press, 1999.

Ir-rispett ma jiġix waħdu. Trid taħdem għalih. Il-fatti ta' l-istorja jgħallmuna li, ikollhom għaqal u ħeġġa kemm ikollhom imseħbin ta' xirka letterarja, il-ħajja tal-lum f'Malta tfakkarna li membri ta' xirka, aktar u aktar xirka kulturali, jeħtieġ ikollhom f'idejhom il-għodda sabiex jaslu għal dak li jiġborhom flimkien.

Mhux għajb, jewwilla, li gvernijiet barranin iwennsu u jżommu ħajjin istituti kulturali ġewwa Malta meta ebda gvern Malti mill-1964 sal-lum għadu ma ħaseb ħalli Malta jkollha 'Dar il-Malti' fejn il-kultura Maltija tixxettel, tissaħħaħ, tikber u tixtered? Ix-xirkiet letterarji tal-Malti jisthoqqilhom isibu min inewlilhom dik ir-rifda ta' spalla li tissarraf f'għajnuna serja u konkreta. Tibqa' mnixxef kif f'dil-gżira – nazzjon li fl-Estmi ta' sena waħda jisboq nefqa ta' Lm650 miljun, għad ma wasalniex ħalli naraw tieqaf fuq saqajha 'Dar il-Malti'!

Għadda żmien biżżejjed mill-1964 sabiex dak li trodd il-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, Malta troddu lejha nfisha b'fatti bħalma gvernijiet barranin jagħmlu f'Malta għall-kultura lingwistika tagħhom.

L-imseħbin ta' l-Akkademja tal-Malti għandhom ukoll id-dmirijiet tagħhom kemm lejn il-ħsieb u l-fehma ta' Akkademja u kemm lejn il-membri l-oħra. Jeħtieġ jaħdmu annuna u jfittxu tabilħaqq il-ġid tal-kitba letterarja bil-Malti. Jekk dan kollu ma jagħrfux jaqduh, ibatu huma u tmur minn taħt il-kultura Maltija. Għax jekk Malta bir-raġun kollu tistenna ħwejjeġ xierqa u ta' ġid mill-politiċi tagħha, daqstant ieħor Malta titlob ħsieb safi u xogħol serju minn kull min iwennes l-ilsien Malti bħala għajn ta' ġid pubbliku.

## WERREJ


*EDITORJAL* i

DR. CHARLES BRIFFA
*L-Awto-Ġudizzju* 5

MONS. LAWRENCE CACHIA
*Kliem bil-Malti fi Priedka bit-Taljan* 1
*Insellmu lil...* 22

CARMEL CALLEJA
*Ewnuki* 7
*Is-Sewwa* 7
*Sagrifiċċju* 25

J.J. CAMILLERI
*Epigrammi* 26

OLIVER FRIGGIERI
*Ħajku* 27

P. GALEA CURMI
*Jesu Dulcis Memoria* 4
*Ibqa' int Miegħi* 29

PATRI MIKIEL FSADNI
*Priedka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum* 8

DR. MANWEL MIFSUD
Ir-*Regoli tal-Kitba tal-Malti* 15

LILIAN SCIBERRAS
*L-Aħħar Għalqa* 30

J. ZAMMIT TABONA
*Għal Ġorġ Pisani* 28

# Kliem bil-Malti fi Priedka bit-Taljan

MONS. LAWRENZ CACHIA

Il-priedka msemmija minn Patri Fsadni fl-artiklu li qiegħed jidher f'dan in-numru tar-Rivista tinsab fil-folji 142 sa 146 tal-manuskritt 91 ta' l-Arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat u hija miktuba fuq iż-żewġ naħiet ta' kull folja. Hawn se nagħti l-kliem bil-Malti, l-ewwel kif kitbu l-awtur, u wara bl-ortografija tal-lum (fil-korsiv). Il-paġni huma indikati R(ecto) u V(erso). Kliem jew ittri bejn parentesi kwadri huma miżjuda minni.

Fol. 142 R

1 Meta - meta

2 imgħarrac - imgħarraq

3 iferrach - iferragħ

4 t'egrech, ù tintilef il fehma - tegħreq u tintilef il-fehma.

5 [privileġġi] tacha billi saret om alla - [privileġġi] tagħha billi saret omm Alla.

6 imisha - imissha

Fol. 142 V

7 u eqda = u hekkda.

8 ighit il ghaliesc - jgħid il-għaliex.

9 iiatu islaten - jagħtu s-slaten.

10 chem uiechet ista ifhimmhom - kemm wieħed jista' jifhimhom.

11 iiatich sci dignità, izeinu uchol - jagħtih xi dinjità, iżejnu wkoll.

12 mibgutin - mibgħutin.

13 lil min iictaru - lil min jiħtaru [jaħtru].

14 bcal ma iista iati alla l'imbierech lil ruiech - bħal[ma] jista' jagħti Alla l-imbierek lill-erwieħ.

15 iech ruch muctara mnalla tigisc uchol imueba bil grazii colha - jekk ruħ moħtara m(in)n alla tiġix ukoll imweġġha bil-grazzji kollha.

16 tigi muctara - tiġi moħtara [=maħtura].

17 Bis irrifletti - biss jirrifletti.

Fol. 143 R

18 li uuma incas minhom - li huma inqas minnhom.

19 il bniedem ogla mi dbeiep ta' lart, igip fich il perfez[io]ni tachom - il-bniedem ogħla mid-dbejjeb ta' l-art, iġib fih il-perfez[zjo]ni tagħhom.

20 [l-anġlu] actar iġi imzeien min perfezzioni [li] għandu il bniedem, u fost l'angeli - [l-anġlu] aktar jiġi mżejjen minn [i.e. bil-] perfezzjoni [li] għandu l-bniedem, u fost l-anġli.

21 uuma incas minhom - huma inqas minnhom.

22 Ma[rija] S[antis]s[ima] ogħla mil Angeli u mil chaddisin colha, għandha imela fiia ittieba il cdusia, il grazii, i doni, privilegii [li] għandhom o iista ichollhom l'ocrain - Ma[rija] S[anti]s[ima] ogħla mill-Anġli u mill-qaddisin kollha għandha immela fiha it-tieba, il-qdusija, il-grazzji, id-doni, privileġġi [li] għandhom o [i.e. jew] jista' jkollhom l-oħrajn.

23 imuegha frasha - imweġġħa f'rasha.

24 itfiemhu, ighit S. Bonav[entura] edauch il cleimiet - jiftiehmu, jgħid San Bonav[entura] edawk il-klejmiet.

25 fiha tinsap chul grazia li andhom irruiech taiba fdina, u il chadisin fidigna lochra - fiha tinsab kull grazzja li għandhom ir-rwieħ [it-]tajba f'din [id-dinja] u l-qaddisin fid-dinja l-oħra.

26 il gmara tacha - il-għamara tagħha.

27 Gmhara tàl ferch u sema [jew tama] ta' chulla [jew chulba] - Għamara tal-ferħ u sema [jew tama?] ta' kollha [kulħadd? qalbha?]

28 ma sipsc tarf - ma ssibx tarf.

29 chat ma tista chasep u isip chem grazii ghamel alla l'imbierech lil Ma[rija] - qatt ma tista' [taħ]seb u ssib kemm grazzji għamel Alla l-imbierek lil Ma[rija].

30 zina - żina.

144 R

31 taha - tagħha.

32 tama - tama.

144 V

33 u radgħitu bil chalip [li] chellha mogti mi sema - u raddgħetu bil-ħalib [li] kellha mogħti mis-sema.

145 R

34 anzi istghagep il s[an]to mil autorità - anzi jistagħġeb il s[an]to mill-awtorità.

35 gmiel ta daul u diia li Kellu mil eternità - ġmiel ta' dawl u dija li kellu mill-eternità.

35 scmaiar tà nirien - xmajjar ta' nirien.

36 imgharca fost i daul u dia tà divinità - imgħarrqa fost id-dawl u d-dija tad-divinità.

37 cuiebel - qwiebel.

38 Scbia tal għagep illi eccha t'ehgec l'alla l'imbierech blimcappa lein Ma[rija] - Xbieħa tal-għaġeb illi hekka tħeġġeġ 'l Alla l-imbierek bl-imħabba lejn Marija.

39 itgħasc biia - jitgħaxxaq biha.

40 iati - jagħti.

41 il fehma - il-fehma.

145 V

42 t'eggec - tħeġġeġ.

43 imuegha - imweġġgħa.

146 R

45 għasluc - għasluġ.

46 gmara talla tfiesc [?] tmantieni [?] scbia talla nadifa mingar tebgħa ta' dnub - igħamara t'alla.. [??] tmantieni xbieħa t'Alla nadifa mingħajr tebgħa ta' dnub.

## Ftit Kummenti

Jidher li fi żmien il-kittieb kien għad hemm il-pronunzja tal-għajn, anzi ta' żewġ għamliet ta' għajn (għajn u rgħajn) u kienet ukoll tinstema' l-akka tal-pronomi meħmużin.

Ninnotaw ukoll l-użu tad-diminuttiv *klejmiet* li l-lum ma nisimgħuhx għalkemm jinsab fid-dizzjunarji. Il-plural dbejjeb ukoll ma jintużax ħlief fil-kitba aktarx qadima.

Hemm xi żewġ kelmiet mhux ċari u ħdejn dawn ktibt sinjal tal-mistoqsija.

Semantikament l-aktar kelma interessanti hija dik fin-numru 3. Il-kelma hija *iferragħ* u tfisser xejjen jew għamel fieragħ, vojt; u trid tfisser il-verb Latin *exinanivit*. San Pawl juża din il-kelma biex juri kif Kristu xejjen jew żvojta lilu nnifsu. Dan hu il-kuntest tal-kelma fil-Priedka.

Interessanti wkoll il-verb *jitfiemhu* li aktarx irid jinqara *jitfiehmu*. Il-lum sirna ngħidu *jiftiehmu*. Il-verb kif ngħiduh il-lum jidher eċċezzjoni għaliex dawn il-verbi jitfgħu il-prefiss (t) qabel l-ewwel radikali kif insibu fil-Priedka.

Hemm punti oħra li wieħed jista' jiddiskuti darba oħra.

## Jesu Dulcis Memoria

(ANON. SEK. 12. TRADUZZJONI: P. GALEA CURMI)

O Ġesù ħelwa tifkirtek,
Tassew tferraħ il-qalb tagħna
Iżda oħla wkoll mill-għasel
Il-preżenza tiegħek magħna.

Għanja ħelwa qatt ma nstemgħet
Kliem ferrieħi qatt ma tlissen
Lanqas ħsibijiet ta' ħlewwa,
Bħal Ġesù ta' Alla l-Iben

Ġesù tama tar-ruħ niedma
Kemm ħanin ma' min iridek!
Liema tieba għal min ifittxek!
X'Int imbagħad għal min isibek?

La bil-fomm anqas bil-kitba
Ħadd ma jista' qatt l-imħabba
Lejn Ġesù sewwa jfissirha:
Jemmen biss min iġarrabha

Kun Ġesù il-ferħ kbir tagħna,
Int bik stess il-premju ttina:
Kun ukoll għalina l-glorja,
Li għal dejjem għad turina. Amen.

# L-Awto-Ġudizzju

*(Nota fuq l-Għasfur taċ-Ċomb ta' Oreste Calleja)*

DR. CHARLES BRIFFA

Il-konfront bejn il-bniedem u l-kuxjenza tiegħu minn dejjem newwel temi serji fil-letteratura mondjali. Fl-istruttura drammatika ta' Ghasfur Taċ-Comb (1993) it-tensjoni tematika bejn il-karattri u l-għemejjel tagħhom twassal għal żvolġiment ta' ġrajja li tikxef konflitti interni li kaġun tagħhom il-ħtija ma tista' tindifen qatt taħt it-trab tat-tnessija minħabba l-kuxjenza. Il-bniedem iwettaq għemil, u dan it-twettiq jitferra' mir-rieda ħielsa tiegħu. Imbagħad jasal mument meta jkollu jaffronta lilu nnifsu dwar dak l-għemil. Hekk ġralha n-nanna: saret omm. Omm li ċaħdet lit-tarbija tal-ħalib tagħha għax din ma kinetx normali. Ma ridetx tħobbha lanqas "kull tliet sigħat" (It-Tielet Att). U hawn l-udjenza tibda titħasseb: mela l-imħabba tal-ġenituri bil-ħin? L-imħabba m'għandhiex ikollha ħin. Għandha tkun erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. Imma mhux in-nanna. Bħalha omm riedet terġa' ssabbatha lura ma' wiċċ Alla: "U minn dakinhar roddejtu lura lil alla, u tlabtu jieħdu lura." (It-Tielet Att). U kif tispiċċa? Minkejja li darba kienet mara sabiħa, tinħakem minn marda qerrieda li tibda tikolha minn ġewwa (L-Ewwel Att).

Dan l-uġigħ ġewwieni huwa t-tpattija tat-twettiq ta' l-għemil u nifhmu bla tnikkir kif il-ħajja tal-bniedem trid titkejjel skond il-kuxjenza tiegħu. Ir-realtà tinsab meta l-bniedem jiġi wiċċ imb'wiċċ mal-kuxjenza tiegħu: dik il-gwida li skond San Pawl qiegħda stampata fin-natura umana sabiex taħdem bħala għassies morali effettiv. Oreste Calleja f'dan id-dramm juri kif il-karattru jissawwat minn din il-kuxjenza. Isimgħu daqsxejn kif Ernest Hemingway fisser il-kuxjenza: *What's good is what I feel good after. What's bad is what I feel bad after.* Issa, meta Hemingway lissen dan il-kliem kien qiegħed b'mod fin jittratta t-test li minnu joħroġ il-valur tal-ħajja. Billi l-bniedem iħoss it-tajjeb u l-ħażin nistgħu ngħidu li azzjonitu tfaqqas minn ġewwa. L-għarfien morali (magħruf bil-Grieg bħala s-*syneidesis*) jagħżel lill-bniedem mill-bhima u fl-istess ħin itaqqal lill-istess bniedem bil-piż ta' l-awto-ġudizzju.

Wara d-difna ta' Eżra, Calleja jheżheż lin-nanna bi "ħsieb irxuxtat mill-imgħoddi" u tinfexx thewden dwar l-imħabba (It-Tielet Att). U tasal din il-bniedma mtaqqla biex tistqarr ħtijieha wara żmien twil iġġorr dik il-ġebla-mażżra tqila f'sidirha

tniggiżha kontinwament. L-għarfien tal-passat ikiddha għax tintebaħ li għamlet ħażin u tittaqqal bil-ħaqq li tefgħet fuqha nnifisha. It-tkexkixa tar-realtà li pprova jagħtiha u jwasslilha Dun Pawl nixxfitilha l-imħabba materna tagħha: "U minn dakinhar il-ftit ħalib ta' sidri nixef qoxqox." (It-Tielet Att). Iċ-ċaħda tnissel il-qerda tan-natura, u hawn tidher ħala kbir għax dik in-natura setgħet iġġenerat ħwejjeġ aħjar minn rinunzja u distakk. Il-figura ta' omm sabiħa tredda' lill binha m'hijiex figura mxajtna imma hija figura ta' mħabba u għalhekk toħroġ it-traġiċità li ma tolqotniex b'sens ta' ħniena. It-tbatija mtaqqla fit-tul ma tqanqal ebda simpatija. Il-biża', il-ħtija, u l-ansjetà juru kemm il-kuxjenza tista' tkun sid kattiv tal-bniedem, u d-drammaturgu donnu qiegħed jgħidilna (anzi jirrepeti dak li qal ħaddieħor qablu) li l-bniedem stess jagħmel ħaqq mill-għemejjel moħbija tiegħu. Il-ġudizzju dejjem ikun f'idejn il-bniedem li jwettaq xi għemil: ma' l-għemil iseħħ il-ġudizzju.

F'Calleja l-bniedem itella' barrikata (Oliver Friggieri jsejħilha d-"dinja magħluqa" li fiha tistagħna l-kuxjenza ta' l-għeluq) ħalli jingħalaq ġewwa fiha bla ma jħalli lil ħadd jgħaddi minnha. Ruħu tidher maħkuma minn ħtija li twassal toqol kbir fuq il-kuxjenza, tant li dik il-ħtija mhux twarrabha trid imma ġġorrha biex tħallik tkun bniedem. Elen titgħabba bil-ħtija tal-mewt ta' Eżra għax ħallietu jaqa' u jmut jiżżerżaq fil-ħemda assoluta: "U safrattant - safrattant jien qtiltu." (It-Tielet Att) Tistqarr ħtijietha u tammetti dnubha u meta ommha tittanta tiskużaha ta' għemilha, Elen twaqqafha" "Le, qed ngħidlek, Ma! Mhux se nħallik tiċħadni mill-ħtija wkoll. Ħallili dik talanqas. (It-Tielet Att) Il-ħtija hija lussu f'dan l-ambjent ta' rifjut, għax kif tista' toftom il-ħtija mill-għemil u tibqa' bniedem? In-nanna, avolja wara esperjenza bħal dik, xorta ma tgħallmitx li ma tistax tifred il-waħda mill-ieħor. U r-ruħ imtaqqla bil-ħtija titqies bħala waħda mjassra mill-ġisem. Ir-ruħ bil-ħila ta' għarfien soġġettiv hija wisq aktar minn kalkolu matematiku li jitfisser bi ftit "grammi infinteżimali" (It-Tielet Att). Hawn min qal li r-ruħ hija l-bniedem *minus* il-ġisem. Hi x'inhi, Nikola jiżra' t-tħassib: "hija tassew ir-ruħ li hi mjassra, jew ir-ruħ li tjassar?" (It-Tielet Att) Calleja jurihomlna t-tnejn. Fil-każ ta' Elen, jidhirli li hija aktar ir-ruħ li tjassar lill-bniedem. Ir-responsabiltà li għandha ta' għemilha tagħtiha kuxjenza li tiġġudikaha. Il-bniedem ijassar lil ruħu jekk jibqa' jgħaffeġ ħajtu kif jogħġob lilu - bħalma għamlet in-nanna. Għax jekk l-esperjenza ġewwiena tal-bniedem, li trekken taħt ġwinħajha l-ħsibijiet, ix-xewqat, u l-ħsus, hija fattur ewlieni fl-għamla umana ta' l-eżistenza, allura rridu naslu ngħidu li r-ruħ (bħala esperjenza ġewwiena) tiddetermina l-għemil. Hija r-ruħ li tjassar lin-nanna u tħalliha tinħela fir-rinunzja u d-distakk. Mill-banda l-oħra f'Samwel għandna r-ruħ imjassra li tagħraf lilha nnifisha fil-girna, tagħraf li hi waħda min-nani imsejknin li qatt ma jistgħu joħorġu mill-kastell misħut.

Hi liema hi d-dehra tar-ruħ li tixref fl-argumentazzjoni tagħna, l-istruttura tat-tiġrib uman spiss tkun ikkaratterizzata b'ġewwieni riflessiv li jislet vini awto-kuxjenti: dan il-fattur jagħmel id-dramm relevanti għall-umanità kollha. Imma fl-istess waqt irridu nifhmu li s-soċjetà stess tgħin biex il-kuxjenza titlaħħam bir-realtà: dan il-fattur jagħmel dan ix-xogħol letterarju aktar relevanti għal żmienna u għal artna.

Fid-dramm hija t-tradizzjoni li tingħata sehem dominanti li tiddetermina għemil il-karattri - tant li ma' Friggieri nasal inlaqqamha "xbieha makabra li ma tistax tinqata'". L-ewwel kelmiet imlissna fid-dramm huma "Fejn sejjer?" li jagħtu mistoqsija li qatt ma titwieġeb u din tidher il-missjoni tal-bniedem f'Calleja. Jagħmel x'jagħmel dan il-bniedem, fejn jasal? Għemil il-bniedem jinħass bla fejda, bla siwi u allura fejn hi l-libertà umana? Il-karattru f'Calleja huwa fil-psikoloġija tiegħu għasfur taċ-ċomb li jtir biss fil-mument tal-qerda tiegħu: "U wiċċu ma kienx aktar imbeżża'". (It-Tielet Att).

Carmel Calleja

## Ewnuki

Aħna bħas-slaten
Li ġew mill-Orjent
infittxu kewkba
li ħarġet mit-triq,
u omm verġni,
...u sultan mirżuħ
fi stalla bla lqugħ.

## Is-Sewwa

Ta' min is-sewwa?
Tal-qamħ dehbien
li jmewweġ fir-riħ,
jew tal-minġel leqqien
li jaħsadhom ilħiħ?

Tat-tigra li tlebleb
għatxana għad-demm,
jew taċ-ċerv jitriegħed
ixammem il-ħemm?

# Priedka bi Kliem u Siltiet bil-Malti Qadim u Mirqum

Patri Mikiel Fsadni

Fost il-kitbiet imħallta ta' manuskritt li jinsab fl-arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat, hemm priedka tassew sabiħa fuq il-Lunzjata, 'De Annuntiatione Beatae Virginis', miktuba bit-Taljan.[1] Il-priedka mhix iffirmata u ma fiha xejn li juri min kitibha, iżda, in-nisġa tagħha tixhed li nkitbet minn persuna mħarrġa fit-tagħlim u l-kitbiet tal-għorrief tal-Knisja Kattolika, kif ukoll li kienet taf sew bil-Malti mirqum tas-seklu tmintax. Sewwasew minħabba l-ftit kliem u siltiet miktubin fiha b'Malti tassew sabiħ, din il-priedka tikseb l-akbar importanza tagħha. Fiha, wieħed jista' jsib għajnuna għat-tiswir tat-tibdiliet matul iż-żmien ta' l-Ilsien Malti.

Il-kliem bil-Malti hu mifrux 'l hawn u 'l hinn matul in-nisġa tal-priedka. Il-kittieb aktarx għamel dan ħalli jsib bla tfixkil il-kelma xierqa u l-aħjar espressjoni ta' ħsibijietu bl-Ilsien li kien sejjer ixandar il-kelma ta' Alla. Dan jidher tajjeb meta hu jagħti t-tifsira bil-Malti fuq xi kliem miktub bit-Taljan; hekk, fuq il-kelma 'Appostli' hu kiteb 'mibgutin' (= mibgħutin), fuq 'ornamenta' kiteb 'zina', fuq 'mammane' kiteb 'cuibel' (= qwiebel) u fuq 'verga' kiteb 'għasluc' (= għasluġ). Hekk ukoll, ħalli waqt li jxandar il-kelma ta' Alla jfisser ħsibijietu bla tfixkil, fin-nisġa tal-priedka hu daħħal xi kliem u espressjonijiet bil-Malti f'nofs il-kitba bit-Taljan.

Il-kliem bil-Malti mdeffes fit-test bit-Taljan hu tassew sabiħ u mirqum, u jfisser tabilħaqq ħsibijiet ix-xandar; dan jidher sew minn ftit kliem u espressjonijiet meħudin mill-priedka: 'imgħarrac (= imgħarraq) tra la grandezza u gloria; 'iferrach' (= iferragħ) tutta la sua gloria e Maesta' '; 'abissi nei quali tegrech' (=tegħreq) u tintilef il-fehma di tutte le creature'; 'iech ruch muctara mnalla tigisc uchol imuegha bil grazii colha' (=jekk ruħ maħtura minn Alla tiġix ukoll imweġġgħa bil-grazzji kollha); 'il gmara tacha' (= il-għamara tagħha 'Gmhara tàl ferch u sema tà chulbha' = għamara tal-ferħ u sema ta' qalbha); 'scmaiar ta' nirien' (= xmajjar ta' nirien); 'imgħarca fost i daul u dia tà divinità ' (= imgħarrqa fost id-dawl u d-dija tad-divinità). Siltiet bħal dawn jiġbdu l-attenzjoni ta' kull min għandu għal qalbu l-Ilsien Malti; iżda, jeħtieġ li jkunu miflijin bl-akbar reqqa u mqabblin ma' siltiet oħra tas-seklu tmintax, l-aktar mal-Malti li wieħed jista' jiltaqa' miegħu fil-kitba ta' xi priedki ta' dak iż-żmien.[2]

Xejn ma hi ħaġa ħafifa li jingħad min kiteb priedka hekk sabiħa u mżewqa b'għadd ġmielu ta' kliem Malti mirqum. Fl-istess manuskritt fejn hemm din il-priedka, hemm xi folji oħra li fihom kaligrafija taqbel ħafna mal-kitba tal-priedka;[3] iżda, dawn ma fihom ebda ħjiel dwar min kitibhom. Wara tiftix twil fl-arkivju tad-Dumnikani tar-Rabat, il-kittieb irnexxielu jsib diversi ittri miktubin b'kaligrafija taqbel għal kollox mal-kitba tal-priedka; fuq kollox, kull ittra hi ffirmata minn 'Fra Dominico Genovese'.[4] Dawn l-ittri huma miktubin bit-Taljan u ma fihom ebda kelma bil-Malti. Hekk ukoll, fl-arkivju tal-kunvent tad-Dumnikani fil-Belt - fejn p. Genovese qatta' bosta snin pirjol u għalliem - ma.nstabitx xi kitba tiegħu bil-Malti jew għallanqas b'xi kliem bil-Malti. Iżda, il-Malti sabiħ u mirqum li fiha l-priedka fuq il-Lunzjata jħajjar biex wieħed jikxef min kien dan id-Dumnikan, p. Dumink M. Genovese.

Il-patri Dumnikan Vincenz M. Zammit, li għal bosta snin għex flimkien u fl-istess kunvent tar-Rabat ma' p. Dumink Genovese, fin-nekroloġija li kiteb dwaru stqarr: Twieled minn familja mill-aktar fqira tal-belt Valletta, ġie mlibbes Dumnikan b'karità; kien għaref u ta' ħila kbira tant li għallem f'bosta Studji Ġenerali kemm f'Malta kif ukoll fi Sqallija. Kien Konsultur tas-Sant'Uffizzju ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta; miet f'Diċembru tas-sena 1770.[5] L-istoriku Dumnikan p. Stiefnu Forte xandar bijografija sabiħa u aħjar dwar p. Genovese, fil-kitba li ppubblika dwar il-Vigarji Provinċjali tal-patrijiet Dumnikani f'Malta, 1537-1801.[6] p. Forte ta tagħrif biżżejjed dwar p. Genovese għall-istudju li kiteb fuq il-Vigarji Provinċjali; iżda, jixraq li jinkixef tagħrif aktar dwaru minħabba l-interess li jqanqal il-kliem Malti li fiha l-priedka tiegħu.

Patri Dumink M. Genovese, iben Tumas u Natalita, twieled il-Belt, fil-15 ta' Diċembru tas-sena 1712 u ġie mgħammed fil-Parroċċa tal-Portu Salvu tad-Dumnikani tal-Belt, meta semmewh Ġużeppi, Saverju.[7] Meta kellu sbatax-il sena, sewwasew fit-18 ta' Settembru ta' l-1729, xedd il-libsa bajda u sewda ta' l-Ordni Dumnikan, fil-knisja tal-Madonna tal-Għar, ir-Rabat, u ġie mxierek mal-kunvent ta' San Duminku, tal-belt ta' Cannigati, fi Sqallija.[8] Għamel is-sena ta' prova fil-ħajja Dumnikana fil-post li fih libes, fejn ukoll ipprofessa fid-19 ta' Settembru ta' l-1730.[9] Ma damx wisq imxierek ma' kunvent barra art twelidu tant li talab u qala', fid-29 ta' Mejju tas-sena 1732, li jixxierek mal-kunvent tad-Dumnikani tar-Rabat, Malta.[10]

Fiż-żmien li Fra Genovese pprofessa fl-Ordni Dumnikan, ma kienx ilu li twaqqaf l-Istudju Ġenerali fil-kunvent tal-Portu Salvu, tad-Dumnikani fil-Belt. Fih kienu jistudjaw id-Dumnikani Maltin u Sqallin kif ukoll il-Kjeriċi Sekulari.[11] Għalhekk,

kif l-imsemmi Genovese għamel il-professjoni, intbagħat fil-kunvent tad-Dumnikani fil-Belt biex seta' jtemm l-istudji filosofiċi u teoloġiċi; fl-1736 laħaq saċerdot.[12] Issokta l-istudji teoloġiċi fl-istess Studji Ġenerali Dumnikan u, fl-4 ta' Diċembru ta' l-1737, kiseb il-grad ta' lettur fit-teoloġija li bih seta' jgħallem.[13]

P. Dumink M. Genovese kien intelliġenti u dedikat ħafna għall-istudju tant li, kif laħaq lettur, minnufih beda jgħallem fl-Istudju Ġenerali tad-Dumnikani tal-Belt;[14] hu baqa' jwettaq dan l-uffiċċju għal seba' jew tmien snin.[15] Fl-Lulju tas-sena 1745, tela' Ruma fejn għamel b'suċċess l-eżami ħalli jkun jista' jilħaq Majjistru fit-Teoloġija.[16]

Malli p. D.M. Genovese temm l-eżami tal-Maġisteru nfetħu triqat oħra ġodda fil-ħajja u l-ħidma tiegħu; hu ma baqax aktar marbut biss mal-kotba u t-tagħlim. Fl-1747, il-patrijiet Dumnikani tar-Rabat ħatruh pirjol tal-kunvent tagħhom.[17] Bħala superjur, fost l-oħrajn ħa ħsieb jgħammar is-sagristija u l-knisja b'bosta affarijiet meħtieġa għas-servizz tagħhom, kif ukoll xtara arloġġ ġdid għall-kunvent[18] li kien meħtieġ għall-ħajja regulari u komunitarja tar-reliġjużi. Hekk ukoll, fi żmien il-prijorat tiegħu, tpitter il-kwadru għall-kappella ta' S. Roża ta' Lima, Dumnikana;[19] dan hu kwadru sabiħ, preżentement qiegħed fl-Oratorju tar-Rużarju.

Ftit xhur qabel ma temm l-uffiċċju ta' pirjol, p. Genovese nħatar Konsultur tas-Sant'Uffiċċju ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta; jidher li din il-ħatra ma kinetx wisq għal qalbu tant li, fis-16 ta' Ġunju 1749, il-Provinċjal tiegħu, il-Majjistru p. Lwigi Naselli, waqt żjara li kien qiegħed jagħmel lid-Dumnikani tal-Birgu, kitiblu biex jaċċetta.[20] Malli għalaqlu ż-żmien ta' pirjol tar-Rabat, il-Majjistru ta' l-Ordni Dumnikan ħatru għall-uffiċċju ta' pirjol tal-kunvent tal-Belt kif ukoll Vigarju Provinċjali tat-tliet kunventi tad-Dumnikani f'Malta; hu reġa' wettaq dawn l-uffiċċji darbtejn oħra, jiġifieri, fis-snin 1764-1766 u 1768-1770.[21] Matul is-snin li kien pirjol tad-Dumnikani fil-Belt hu għallem ukoll fl-Istudju Ġenerali li kien hemm fil-kunvent tal-Portu Salvu.[22]

Malli għalaqlu ż-żmien ta' l-ewwel ħatra tiegħu bħala pirjol tal-kunvent tal-Belt u Vigarju Provinċjali li hu wettaq tul is-snin 1749-1751, p. Genovese mar lura lejn il-kunvent tiegħu fir-Rabat; hemm hu qatta' madwar sitt snin. Matulhom hu kien sagristan maġġur u organista tal-kunvent.[23] Iżda, fuq kollox, ħadem ħafna biex jiġbor id-dokumentazzjoni meħtieġa għall-kawża dwar il-beni li Michele Cumbo kien ħalla lid-Dumnikani tar-Rabat. Il-patrijiet tar-Rabat tawh għoxrin skud bħala ngal għat-tiftix li kien wettaq fil-kawża msemmija meta, fl-1757, il-Majjistru ta' l-Ordni

Dumnikan, p. Giovanni Tomaso Boxadors, ħatru majjistru ta' l-Istudji fil-kunvent tad-Dumnikani f'Messina.[24]

Għalkemm p. Genovese kien ilu s-snin li għamel b'suċċess l-eżami tal-Maġisteru, ma kienx għad kellu okkażjoni li jwettaq il-kundizzjonijiet l-oħra meħtieġa ħalli seta' jilħaq Majjistru fit-Teoloġija. Jista' jkun li minħabba f'hekk li p. Boxadors bagħtu fl-Istudju Ġenerali ta' Messina bħala Majjistru jew Prefett ta' l-Istudji. Fil-fatt, fl-1761, meta reġa' kien fil-kunvent tar-Rabat, jissemma li kien Baċillier fit-Teoloġija, ex-Reġġent ta' l-Istudji, imbagħad Majjistru fit-Teoloġija.[25]

Ftit taż-żmien wara li p. D. Genovese reġa' lura lejn il-kunvent tar-Rabat, midd għonqu mill-ġdid fil-kwistjoni mħabbla għall-aħħar li l-kunvent kellu dwar il-wirt ta' Michele Cumbo. Lanqas ma waqaf mit-tiftix tad-dokumenti meħtieġa għal din il-kwistjoni meta, fl-1764, reġa' nħatar pirjol tad-Dumnikani fil-Belt u Vigarju Provinċjali tat-tliet kunventi Dumnikani f'Malta. F'Jannar ta' l-1765, il-patrijiet tar-Rabat tawh ratal kafé u daqstant ieħor zokkor b'radd ta' ħajr għall-ħidma mwettqa minnu fil-kwistjoni ta' Cumbo;[26] u f'Settembru ta' l-istess sena xtrawlu sitt libbri tabakk.[27]

Il-patrijiet Dumnikani tar-Rabat kellhom avukat biex iħares il-jeddijiet tagħhom fil-wirt ta' M. Cumbo fil-kawża li nfetħet fil-Kurja Rumana. Minkejja dan, il-Prokuratur Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan talab biex il-kunvent jibgħat Ruma patri mħarreġ fil-kwistjoni; ħatru lil p. Duminku M. Genovese li kien ilu s-snin jaħdem fuq din it-tħaqqiqa. Hu ħalla Malta f'Diċembru tas-sena 1765; dam Ruma għal bosta xhur. Il-kawża ntemmet billi ntlaħaq ftehim bejn id-Dumnikani tar-Rabat u l-werrieta ta' M. Cumbo, kif xtaq li jsir il-Prokuratur Ġenerali ta' l-Ordni, p. Domenico Villavecchia; dan ġie ffirmat f'Ruma fit-12 ta' Ġunju tas-sena 1766.[28]

Ix-xhur li p. Genovese qatta' Ruma ma kinux għalih ta' mistrieħ; hu ħadem bla heda fit-traskrizzjonijiet ta' għadd kbir ta' dokumenti, fit-tqassir u t-tifsir tagħhom ħalli l-avukat li kien qiegħed jiddefendihom isib kollox lest. Barra minn hekk, moħħu kien iberren bir-responsabiltà ta' l-uffiċċji ta' pirjol tal-Belt u Vigarju Provinċjali tal-kunventi Dumnikani f'Malta; aktarx hu ma basarx li l-kawża sejra ttawwal tant żmien. Ta' min iżid li hu kellu jiċċaħħad saħansitra mix-xarba ta' kikkra kafé li kien iħobb, billi f'Ruma dan kien jiswa ħafna; hekk ukoll kellu jiċċaħħad mit-tipjip għax ma sabx jixtri tabakk irqiq ('sottile'), iżda biss tabakk ta' rapé, tabakk ta' l-imnieħer li fl-imgħoddi kien jissejjaħ naskata jew niskata.[29]

Wara li p. Genovese ġie lura lejn art twelidu u temm il-ħatriet ta' responsabiltà bħala pirjol tal-Belt u Vigarju Provinċjali, tela' jqatta' ftit taż-żmien fil-kunvent tiegħu tar-Rabat; f'Jannar ta' l-1768, hu kien iwettaq hemm l-uffiċċju ta' sottopirjol.[30] Ma damx wisq f'dan is-serħan għax, madwar nofs is-sena msemmija, kif il-Gran Mastru Pinto beda jmexxi l-Università ta' Malta, ħatru Prefett ta' l-Istudji u professur tal-morali fl-istess Università; fis-7 ta' Ġunju ta' l-1768, il-Majjistru ta' l-Ordni Dumnikan, P. Giovanni Tomaso Boxadors, bagħat jifraħlu u tah permess li jaċċetta.[31] Fit-28 ta' l-istess xahar u sena, il-Majjistru De Boxadors ħatar lil p. Genovese biex iwettaq għat-tielet darba l-uffiċċji ta' pirjol tal-Belt u Vigarju Provinċjali tal-kunventi Dumnikani f'Malta.[32]

Għalkemm il-Majjistru Genovese kien imħarreġ u mdorri sew fil-ħidma tat-tagħlim u tat-tmexxija, iżda, jibqa' l-fatt li x-xogħol li bih ġie mgħobbi kien daqsxejn iebes għalih li kien imdaħħal fiż-żmien mhux ħażin. Hu temm b'wiċċ il-ġid il-ħatriet ta' pirjol u Vigarju Provinċjali; iżda, ftit xhur biss wara, sewwasew fl-14 ta' Diċembru tas-sena 1770, miet u sarlu l-funeral fil-knisja tal-Portu Salvu, tad-Dumnikani fil-Belt, fejn ġie wkoll midfun.[33]

Għalkemm p. D.M. Genovese baqa' magħruf għall-għerf li wera fit-tagħlim f'diversi Studji Ġenerali f'Malta u fi Sqallija, iżda, l-ebda manuskritt ma nstab b'xi lezzjonijiet tiegħu, la fil-kunvent tal-Belt u lanqas f'dak tar-Rabat. Il-kitba waħdanija li tixhed it-tagħlim sod u wiesa' li bih kien mogħni hi l-priedka De Annuntiatione Beatae Virginis. Jista' jkun li hu kiteb u għamel dan il-paniġierku fuq il-Lunzjata fiż-żmien li kien Konsultur tat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni f'Malta; bħala Konsultur kien ikun ta' sikwit fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur, li kien qrib ħafna tal-knisja tal-Lunzjata tad-Dumnikani fil-Birgu. Tkun ħaġa wisq fejjieda għat-tagħrif tal-kitba ta' l-Ilsien Malti kieku kellhom jinsabu kitbiet oħra tiegħu bil-Malti; il-ftit kliem li hemm fil-priedka tiegħu fuq il-Lunzjata hu ta' siwi mhux żgħir. B'dan kollu, il-Majjistru p. Genovese għandu jkun magħdud fost id-Dumnikani Maltin mill-aktar magħrufa li għamlu ġieħ kemm lill-Ordni tal-Predikaturi kif ukoll lil art twelidhom.

1 Arkivju tad-Dumnikani, ir-Rabat (=ADR), MS. 91, Libro Secondo delle notizie da diverse scritture..., ff.142-146.

2 Joe Zammit Ciantar, 'Malti tas-Seklu Tmintax', Hyphen, Vol. IV, No. 5 (1985), 178-206.

3 ADR, MS. 91, ff.74-75 u 78.

4 Ibid., MS. 160, Korrispondenza ma' Ruma u bliet oħra barranin, 1761-1767, l-ittri miktubin u ffirmati minn Fra Domenico M. Genovese; ara wkoll ibid., MS. 164, Korrispondenza lokali qabel l-1800, l-ittri miktubin u ffirmati minn Fra Domenico M. Genovese.

5 Ibid., MS. 93, Giuliana scritta da P. Vincenzo Zammit, O.P., Parte Seconda, 1700-1796, f.286.

6 S.L. Forte, O.P., 'The Vicars Provincial of the Friars Preachers in Malta, 1537-1801', Archivum Fratrum Praedicatorum, Vol. XXXV (1965), pp.182-183.

7 Arkivju Parrokkjali, Kunvent tad-Dumnikani tal-Belt, MS, Magħmudijiet, 1705-1718, p.349; il-kittieb irodd ħajr lill-kappillan p. Pawl Gatt għal din l-informazzjoni.

8 ADR, MS. 18, Liber in quo scribantur receptiones et professiones novitiorum, 1681-1756, f.64.

9 Ibid., ff.64 u 68.

10 Ibid., MS. 3, Libro dei Consigli dei Padri Predicatori del Convento di S. Maria della Grotta, 1691-1740, f. 93v.

11 Għal aktar tagħrif ara, Andrew Vella, O.P., 'The University of S. Maria Portus Salutis', Journal of the Faculty of Arts, Vol. II, no. 2, pp.164-180.

12 Arkivju tad-Dumnikani tal-Belt (=ADV), Giuliana compilata da p. Marcolino Mercieca, O.P., Vol. I, 1571-1780, p.371.

13 Ibid., Matricula Studiorum, Vol. I, 1698-1750, f. 75.

14 Ibidem.

15 Ibid., MS. Giuliana compilata da p. Marcolino Mercieca, O.P., Vol. I, 1571-1780, pp.293-294 u 345-346.

16 Arkivju Ġenerali ta' l-Ordni Dumnikan, Ruma (= AGOP), IV. 212, ff.152v u 155; u ibid., IV. 219, f.164v, ikkwotati minn S.L. Forte, O.P., 'The Vicars Privincial of the Friars Preachers in Malta, 1537-1801', Archivum Fratrum Praedicatorum, Vol. XXXV (1965), p.182.

17 ADR, MS. 93, Giuliana scritta da P. Vincenzo Zammit, Parte Seconda, 1700-1796, f.164.

18 Ibid., ff.164v u 165.

19 Ibid., f.210.

20 Ibid., ff.165v-166, fejn hemm kopja ta' l-ittra msemmija fit-test.

21 S.L. Forte, O.P., 'The Vicars Privincial of the Friars Preachers in Malta, 1537-1801', Archivum Fratum Praedicatorum, Vol. XXXV (1965), pp.182, 186 u 187.

22 ADV, Giuliana compilata da p. Marcolino Mercieca, O.P., Vol. I, 1571-1780, pp.391 u 393-394.

23 ADR, MS. 520 (codice inverso) 'Vestiario', 1738-1783, ff.27v, 30 u 32.

24 Ibid., Ms. 90, Libro Primo delle notizie.., F.205v u MS. 522, Esito del Cumbo, 1735-1773, f.61.

25 Ibid., MS. 520 (codice inverso), 'Vestiario', 1738-1783, ff.25, 26v, 28v, 29, 40, 42v, 43 u 44. Filbidu ta' dan il-MS. L-enumerazzjoni hi difettuża billi wara f.33v tissokta f.24; l-ewwel riferenza kkwotata (f.25) tinsab fit-tieni enumerazzjoni taħt id-data 13 ta' Ġunju 1761.

26 Ibid., MS. 522, Esito del Cumbo, f.81.

27 Ibid., f.82.

28 Ibid., MS. 93, Giuliana.., Parte II, ff.221 r-v u 226-230.

29 Ibid., MS. 160, Korrispondenza ma' Ruma u bliet oħra barranin, 1761-1767, l-ittra li p. Genovese bagħat fil-11 ta' Diċembru 1765 lill-pirjol p. Ġużepp Bellia, O.P.

30 Ibid., MS. 520 (codice inverso) 'Vestiario', 1738-1783, f.43.

31 Il-Majjistru ta' l-Ordni Dumnikan laqa' bil-ferħ dan il-ġieħ mogħti lill-Ordni u lil p. D. Genovese: AGOP IV. 239, p.15, ikkwotat minn S.L. Forte O.P.., 'The Vicars Privincial of the Friars Preachers in Malta, 1537-1801', Archivum Fratrum Praedicatorum', Vol. XXXV (1965), p.182; ara wkoll Andrew Vella O.P., 'The University of S. Maria Portus Salutis', Journal of the Faculty of Arts, Vol. II, n.2 (1962), p.178.

32 AGOP IV. 239, pp.28 u 72, ikkwotat minn S.L. Forte O.P., 'The Vicars Provincial...', Archivum Fratrum Praedicatorum, Vol. XXXV (1965), pp.182-183.

33 ADV, Giuliana compilata da p. Marcolino Mercieca, O.P., Vol. I, 1571-1780, p.371.

# *Ir*-Regoli tal-Kitba tal-Malti

Dr. Manwel Mifsud

Għalkemm illejla qed niċċelebraw il-preżentazzjoni ta' ktejjeb ta' l-Ortografija, nixtieq nagħmilha ċara mill-ewwel li mhux beħsiebni ngħabbilkom raskom b'xi kritika dettaljata tat-tajjeb ta' dan il-ktejjeb u ta' xi nuqqas li jista' jkun fih. Il-ħsieb tiegħi hu li fi ftit minuti naqsam magħkom xi ħsibijiet ewlenin dwar l-ortografija, u flimkien niċċaraw xi punti dwar il-funzjoni u n-natura tagħha.

## L-ortografija: x'inhi

F'definizzjoni tentattiva, jista' jingħad li l-ortografija hija l-ġabra ta' l-għeliem fis-sistema tal-kitba ta' lingwa partikolari flimkien mar-regoli li bihom jingħaqdu flimkien f'test miktub. F'sens iktar ġenerali, hija l-għodda li biha l-ħsibijiet tagħna msarrfa f'ħoss jerġgħu jissarrfu f'ħażż biex ikunu jistgħu jinżammu iktar fit-tul u jitwasslu iktar fil-bogħod.

Imma l-funzjoni ta' l-ortografija ma tiqafx hawn. Għax bħalma l-lingwa barra li tgħinna nikkomunikaw bejnietna tagħtina l-identità tagħna, nistgħu ngħidu li l-ortografija wkoll tgħin biex l-ilsien jingħatalu prestiġju fis-soċjetà. L-ilsna kollha li trawmu u kibru nsibuhom miktuba. Tabilħaqq, ilsienna l-Malti, sakemm dam mitluq u mhux imrawwem, dment li ma kellu l-ebda funzjoni uffiċjali jew importanti fil-pajjiż, baqa' bla kitba. Sakemm, fuq il-parir imdawwal u l-mera ta' Vassalli, u wara triq twila u bosta tentattivi, wasal għal ortografija waħda uffiċjali. Tassew, jekk kien hemm rebħa tal-Malti, l-ortografija kellha sehem ġmielu fiha.

Għax mal-lingwa miktuba tiġi l-letteratura, li ma tibqax tgħaddi bil-fomm u tintiret mill-missier għall-iben bil-memorja, imma tibda tinkiteb u tkun iffirmata u ddatata u miżmuma ma' kitbiet oħra, li flimkien idommu l-letteratura tal-poplu, dokument ħaj tal-ġrajja u l-kultura tagħhom, bil-miktub li mhux maħrub. F'dan ukoll l-ortografija tagħna kellha sehem importanti. Kien għalhekk li l-missirijiet ta' din l-Akkademja, għalkemm kienu qabel xejn letterati, Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, qiegħdu bħala l-

ewwel skop tagħhom it-twaqqif ta' ortografija waħda stabbli. Għax bla ortografija uffiċjali l-letteratura tibqa' lura, u bla letteratura l-ilsien jibqa' nieqes mill-prestiġju.

F'pajjiżna, imbagħad, fejn l-għadd ta' nies li jafu biss bil-Malti, jew li jinqdew xi ftit ukoll bl-Ingliż imma ma jiktbuhx, għadu ġmielu, il-kitba Maltija għandha importanza speċjali, għaliex hija l-aqwa ħolqa, l-ewwel mezz għall-alfabetizzazzjoni u l-edukazzjoni ta' dawn iċ-ċittadini. Min ħadem ma' gruppi ta' nies bħal dawn jaf kemm dan huwa minnu.

L-ortografija għandha wkoll valur simboliku. Id-dehra ta' l-ittri partikulari ta' lingwa tintrabat sħiħ mal-poplu li jitkellimha, ma' l-ambjent tiegħu u ma' ġrajjietu, bħall-ilwien tal-bandiera. Anzi iktar... għax int u tħares lejn il-kitba taf li f'dak il-kodiċi hemm misrura u mistura l-kelma ħajja, l-esperjenza mżewqa tal-poplu, hemm dinja ta' tifsir moħbi. Għalhekk il-kitba Għarbija, ngħidu aħna, nassoċjawha mill-ewwel mal-kultura Għarbija-Islamika, u mqar l-irregularitajiet fonetiċi tal-kitba Ingliża jixhdulna l-qedem ta' dan l-ilsien u l-kuntatti mifruxa u mżewqa li kellu matul iż-żmien.

Għalhekk huwa għajb għalina li, waqt li l-iskejjel u għaqdiet volontarji bħall-Akkademja qed jagħmlu ħilithom biex jinnormalizzaw l-ortografija u jxerrdu r-regoli tal-kitba t-tajba, fil-gazzetti tagħna, fis-sinjali mat-toroq u fuq l-iskrin tat-televixin għadna naraw żbalji koroh li jaħdmu kontra dawn l-isforzi u jġibuhom fix-xejn. Din mhix fittaġni żejda, mhuwiex – kif ġieli ngħad – it-tgergir ta' ftit iffissati, dan huwa nuqqas ta' serjetà professjonali u ta' responsabbiltà lejn is-soċjetà, li l-poplu tagħna ma għandux jippermettih.

## L-ortografija: x'mhijiex

Imma għalkemm l-ortografija hija importanti għal tant raġunijiet, jista' jiġri wkoll li f'xi każi tingħatalha importanza żejda, u tispiċċa tisboq oqsma tal-lingwa iktar essenzjali minnha, jew jingħatawlha funzjonijiet li mhumiex tagħha. U ż-żejjed bħan-nieqes.

"Fil-bidu kienet il-kelma." Din il-frażi hija sagrosanta għal-lingwista daqskemm għat-teologu. Il-lingwa hija qabel xejn mezz ta' komunikazzjoni bil-ħoss, bil-kliem, bit-tlissin, u l-kitba tiġi wara. L-ilsna kollha bdew bil-kelma u damu bosta żmien

jiżviluppaw u jinbidlu mingħajr ma jinkitbu... imbagħad, wara ħafna, bdiet il-kitba, u l-anqas għalihom kollha; għad baqa' ilsna mitkellma u mhux miktuba. Madankollu, il-fatt li l-għamla miktuba tal-lingwa hija tanġibbli, taraha taħt għajnejk u tmissha b'idejk, ġieli jġegħilna naħsbu li l-kitba hija l-qofol tal-lingwa u iktar importanti mill-kelma... għad li mhuwiex hekk.

Jiġri ġieli li waqt li l-iżbalji ortografiċi jsibu dlonk min jikkritikahom, jixlihom u jwaqqafhom, nuqqasijiet iktar bażiċi u serji fil-binja, fis-sintassi u fl-idjoma tal-lingwa jibqgħu għaddejjin qisu xejn mal-kelma li taħrab, imma li xorta tħalli l-effett ħażin tagħha fuq ilsien il-kotra. Niftiehmu. Ma rridx infisser li l-bidliet kollha fil-lingwa huma ta' ħsara: il-bidla hija s-sinjal tal-ħajja u ta' l-enerġija. Imma l-bidla jagħmilha l-poplu, awtur u sid tal-lingwa. Illum il-mezzi ta' komunikazzjoni f'pajjizna, waqt li għandhom xi nies imħarrġa fis-sengħa tal-kelma Maltija li jafu jiżviluppawha bil-għaqal għall-ħtiġijiet il-ġodda, għandhom il-bosta li – mingħajr it-taħriġ meħtieġ fl-ilsien li hu l-ewwel għodda tagħhom – qed jagħmlu ħerba minn ilsienna l-ġurnata kollha, l-aktar fir-radjijiet u t-televiżjoni li jolqtu sewwasew is-saff l-aktar bażiku, dak tal-lingwa mitkellma. Din mhix bidla sana, hija vjolenza fuq l-ilsien nazzjonali, frott ta' inkompetenza li mhemmx lokha f'poplu żviluppat.

Jiġri, drabi oħra, li nqisu li xi ħadd ikun tassew jaf il-Malti jekk ikun jaf jispellih sewwa. Ikolli ngħid li f'ħafna eżamijiet tal-Malti, u dan jistqarruh għalliema oħra bħali, il-punti mogħtija lill-ortografija għadhom relattivament għoljin wisq u jibqgħu – sa f'eżamijiet avanzati – iħollu u jorbtu. Huwa minnu li dawn in-nuqqasijiet huma iktar ċari, oġġettivi u evidenti biex tinnutahom u timmarkahom, imma huwa veru wkoll li barra minnhom hemm bosta ħiliet kreattivi u lingwistiċi oħra ta' importanza kbira fil-livell komunikattiv. Tgħid qegħdin ninħbew wara l-għarbiel ta' l-ortografija?

Tant il-ħila fl-ilsien Malti rbatnieha ma' l-ortografija, tant sħaqna esklużivament fuq l-importanza tagħha, li f'xi Maltin irnexxielna noħolqu trawma kbira dwar dawn il-ftit regoli bażiċi li bniedem b'moħħ komuni jista' jaħkimhom bla tbatija. Ngħid għalija, inħossni mweġġa' meta nisma' lil min jgħid – u mhumiex ftit – li f'xogħlu ma jiktibx bil-Malti imma bl-Ingliż għax jibża' li jagħmel l-iżbalji. Iktar u iktar meta kulħadd jaf li l-kitba tal-Malti – neħħi problemi żgħar – hija wisq iktar fonetika u 'loġika' mill-Ingliża. Jekk l-insistenza ġusta tagħna fuq l-ortografija qed ikollha dan l-effett, allura jista' jkun li l-istrateġija u l-metodi li qed nużaw ma għandhomx ir-riżultat mixtieq, u rridu nieqfu u naħsbu f'mezzi aħjar.

Żball komuni ieħor hu li ngħabbu lill-ortografija b'xogħol li mhux tagħha, u nġegħluha tiddeċiedi bejn żewġ forom mitkellma, it-tnejn komuni fil-lingwa. Tajjeb infakkar li l-ortografija ma tiddeċidix x'wieħed jgħid imma **biss kif għandu jikteb** dak li qed jgħid (għalhekk *grafija*). F'bosta każi fejn kellna mod alternattiv fit-tlissin tal-kliem (eż. *għab* u *għeb*, *m'għadtux* u *m'għedtux, agħtini* u *tini*), min fassal l-ortografija tagħna kien għaqli u ħalla 'l kulħadd jikteb il-kelma kif jgħidha hu. Ikun ħażin li noħonqu l-varjetajiet alternattivi tal-pronunzja, li fl-aħħar mill-aħħar jinsabu f'kull lingwa, u wisq agħar jekk dan nagħmluh permezz ta' l-ortografija, għax dak mhux xogħolha.

## L-Ortografija bħala kompromess

Kull ortografija hija bażikament kompromess bejn ħtiġijiet u kriterji differenti. Għax, għalkemm titfassal x'aktarx minn lingwista jew grupp ta' lingwisti, trid taqdi firxa kbira ta' nies fit-toroq tal-ħajja, b'ħiliet u ħtiġijiet differenti. Xejn ma jiswa li jkollok sistema xjentifikament perfetta li mbagħad tkun tqila wisq u mhix prattika għall-użu tal-poplu. Hawnhekk sehem ix-xjenza għandu jkun sewwasew li tifhem u żżomm quddiem għajnejha l-ħtiġijiet u s-sitwazzjoni partikolari ta' min l-aktar se jużaha u, waqt li tibqa' bażikament xjentifika, tiżviluppa sistema li tkun tista' tintlaqa' u titħaddem minn kulħadd u bl-inqas sforz. Għax fl-aħħar mill-aħħar, din tibqa' dejjem kodiċi konvenzjonali, ftit sinjali li jwasslulna, b'mod imperfett ħafna, il-kelma fuqanija.

L-alfabett tagħna hu eżempju mill-aħjar ta' dan il-kompromess. Mhux għaġeb, għax ilsienna nnifsu hu kompromess mill-għeruq tiegħu, tlaqqigħa bejn zokk semitiku u rimja indoewropea (rumanza u Ingliża). U minn hawn l-ewwel saram għall-kitba Maltija. Għax, imrawma f'ambjent kulturali ewropew b'kitba Sqallija u Taljana, il-letterati tagħna ma setgħux isibu tarf il-ħsejjes Maltin ta' nisel Għarbi, u ħaddmu ħafna ittri strambi, uħud mistħajla, oħrajn minn lingwi magħrufa. Illum nistgħu ngħidu li l-alfabett tagħna hu bbażat fuq it-Taljan, imma biż-żieda ta' sinjali distintivi fuq ftit ittri. Kompromess prattiku ħafna.

Ejjew naraw ftit minn liema prinċipji differenti hija mħawra l-ortografija tagħna:

1. Jiġi qabelxejn il-**prinċipju fonetiku**. Niktbu kif nisimgħu. Hekk, sa ċertu pont, jikteb it-Taljan. Imma aħna morna iktar 'l hemm. Fejn l-ittra tat-Taljan kienu

ambigwi, għamilna għażla bejniethom b'sinjal differenti, bħall-*ġ* u l-*g*, u *ċ-ċ* u l-*k*.

2. Niktbu kif nisimgħu, imma mhux għalkollox. Dak hu l-kompromess. Jekk tikteb kollox kif tħoss, l-għeruq tal-kliem Malti jispiċċaw imfarrka: tispiċċa tikteb *ktieb* bil-*p*, u *jiktbu* (*kitba*) bħal *jigdbu* (*gidba*); u kif se terġa' tiġbor dal-kliem kollu taħt l-għerq tiegħu? Għalhekk jidħol hawn **il-prinċipju fonoloġiku**, li bih tikteb mhux il-ħoss *p* li qed tisma' imma l-ħoss **b** li dak il-ħoss qed jirrappreżenta. U mhux *dbandal* bid-*d* imma bit-*t*, kif tagħmel fi *tkarkar*. Halliha li mbagħad qtajnieha li niktbu *sfortuna* bis-*s* imma *żventura* u *żvojta* biż-*ż*.

3. U ma kienx biżżejjed. Għax fl-iżvilupp mill-Għarbi l-Malti kien rattab u tarrax xi ħsejjes bħall-*għajn* u r-*rgħajn*, u bħall-*h*. Għal **raġuni storika etimoloġika** (u forsi wkoll minħabba li kienu għadhom jinstemgħu sewwa f'xi nħawi tal-gżejjer), l-awturi ta' l-ortografija għażlu li jibqgħu jirrappreżentaw ħsejjes li armajn kienu ilhom li spiċċaw fil-Malti Standard. B'hekk fehmu wkoll li fil-morfoloġija jħaffu (u mhux itaqqlu) x-xogħol ta' l-istudent li jibqa' jżommilhom posthom f'għerq il-kelma bħallikieku kienu għadhom sħaħ. Jekk seħħilhomx it-tir ta' moħħhom irridu naraw, għax b'hekk ħolqu l-ikbar waħx ta' l-istudenti u l-kittieba tal-Malti. Fi żmien iktar reċenti, meta għażilna li niktbu kliem missellef bħal *importanti*, *intelliġenti* dejjem bl-*i*, konna qed inqisu biss – ma nafx għaliex – dan il-prinċipju etimoloġiku.

4. Ma' dawn it-tliet prinċipji, jiżdied **il-prinċipju morfoloġiku** (tal-grammatika). Il-parti Għarbija tal-Malti tinbena fuq forom stabbiliti li l-kelliema nattivi jkollhom f'moħħhom f'għamla astratta, li kull għalliem jipprova joħrogħa minn moħħ l-istudent billi jieħu l-famuż **mudell**. Ngħidu aħna, il-forma tan-Nom ta' l-Aġent, bħal *ħakkiem*, *ħaddiem*, *ħaddied*, *bejjiegħ*, *kittieb*. Il-prinċipju morfoloġiku jgħidli nikteb *hu fieq* imma nordna *fiq!*, *hu għamel* imma *agħmel!* (ordni), għalkemm nismagħhom eżattament l-istess. Jgħidli wkoll nikteb *imqaddsa* (*dds* u mhux *z*), ifittxu (*ttx* u mhux *ċ*).

5. U, bħallikieku ma kienx biżżejjed, jissieħeb ma' dawn il-kriterji kollha **l-prinċipju viżiv**, li jwissina li kliem li drajnieh miktub b'ċertu mod u li sar stampa f'moħħna, aħjar inżommuh kif inhu, ukoll jekk għal ftit inkunu qed niksru l-prinċipji kollha li semmejt fuq. Hekk niktbu *vis-à-vis* (bħall-Franċiżi), *etc.* (bil-Latin), *Shakespearjan* (bl-isem Ingliż b'denb Malti-rumanz), kif ukoll, skond regola



UNIVERSITY OF MALTA LIBRARY

mhix qadima, fl-ismijiet tad-ditta (*trade-marks*) bħal l-i*Sprite*, l-i*Spell*, eċċ. fejn saħansitra nżommu l-ittra kapitali f'nofs il-kelma, forsi b'omaġġ lill-industrijalist.

## Dan il-ktejjeb

La l-poplu huwa ħaj, u ħajja l-lingwa tiegħu, din tibqa' tinbidel biex taqdi l-ħtiġijiet ġodda tal-komunikazzjoni fost poplu dejjem iktar evolut. U anke s-sistema tal-kitba minn żmien għal żmien trid tiġi aġġornata u mtejba, kif sar fil-każ ta' l-ortografija tagħna. Xogħol bħal dan, ta' importanza nazzjonali, jitlob qabelxejn illi min jidħol għalih, barra li jkun istruwit sewwa fix-xjenza lingwistika, jixtarr il-prinċipji ewlenin li minnhom intisġet sa issa s-sistema ortografika u l-bilanċ li qed jinżamm bejniethom. Id-direzzjoni ta' l-għażliet trid tkun konxja u ċara u tfittex il-konsistenza għax hawn, bħat-torri tal-karti tal-logħob, ċaqliqa żgħira tista' taffettwa s-sistema kollha.

L-istorja ta' l-iżvilupp ta' l-ortografija ssibuha miġbura fil-qosor kemm fil-ftuħ tal-ktieb li qed nippreżentaw kif ukoll fil-qoxra tiegħu. Ngħidilkom biss li, sa xahar ilu, min kien jitlob ir-regoli uffiċjali tal-kitba tal-Malti (ħtieġa mill-aktar bażika), kont trid tibagħtu l-ewwel għand l-antikwarju forsi jsib it-***Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*** li ħareġ fl-1924 u li ilu żmien twil nieqes mill-idejn, imbagħad jiġbor żewġ żidiet, ***L-Aġġornament*** u ***ż-Żieda***, minn numri qodma tar-rivista ***Il-Malti***. Imbagħad kien isib ruħu quddiem sett ta' regoli miktuba b'Malti għal-lum iebes, għal udjenza ta' tmenin sena ilu, meta l-influwenzi u l-interferenzi fuq il-Malti kienu differenti ħafna minn tal-lum. Illum, bis-saħħa ta' l-Akkademja u t-tħabrik ta' ħamsa mill-membri tagħha, tista' tgħaddilu dan il-ktejjeb, żgħir fid-daqs u preżentabbli fid-dehra, li, f'108 artiklu x'aktarx qosra jew imdaqqsa, jiġbor fih il-qofol tar-regoli b'mod ċar u sistematiku u bl-eżempji – mhux imġebbda – fejn meħtieġ. L-ispjegazzjonijiet tiegħu miktubin bil-għaqal u bil-qies, kif jixraq lil manwal ta' regoli, u ġeneralment huma preċiżi bla ma jsiru pedantiċi. L-istil tiegħu huwa sempliċi u min jużah ma għandux iħossu dieħel indenjament f'dinja perfetta fejn kif tmidd il-pass togħtor. Tabelli żgħar li jidhru kultant jgħinu ħafna lil min jikkonsultah.

Tgħiduli, u nuqqasijiet? Ix-xogħol li ma jinħadimx biss huwa bla nuqqas. Jekk tista' ssejjaħlu nuqqas, hawn naraw li nżammet it-tradizzjoni li norbtu l-ortografija mal-grammatika. Dan insibuh fit-***Tagħrif***, u jidhirli li mhux l-aqwa punt tiegħu. Anzi wieħed irid jiftakar li meta nkiteb it-***Tagħrif*** ried iservi f'waqt wieħed ta' manwal ta'

l-ortografija u ta' test tal-grammatika, għax il-grammatki moderni tal-Malti kienu għadhom ma nkitbux. Huwa minnu li fi lsienna, minħabba l-prinċipju morfoloġiku li semmejt qabel, ġieli min jikteb irid jifhem il-forma grammatikali qabel ma jikteb korrettament, imma din id-drawwa li test ortografiku jrid ikollu bosta taqsimiet purament grammatikali tista' tingħeleb; dan l-isforz hawnhekk ma sarx. U la daħlet il-grammatika, naħseb li seta' jsir sforz ikbar biex il-grammatika tal-Malti tidher iktar sħiħa, ukoll bl-influwenzi tar-rumanz u l-Ingliż, li għalkemm huma importanti u frekwenti ħafna fil-Malti tal-lum, hawnhekk – bħal fit-Tagħrif – jidhru ftit wisq. Ħarsa, ngħidu aħna, lejn-it-taqsimiet tal-verb turi biċ-ċar dan li qed ngħid. In-nisġa mżewqa ta' lsienna trid tidher f'kull xogħol grammatikali, anzi trid tkun preżenti sa mit-tifsil tal-pedamenti tiegħu.

Madankollu, meta tqis kollox, ikollok tgħid li dan huwa avvanz kbir fuq dak li kellna f'idejna sa issa. Jistħoqqilhom prosit fuq kollox il-ħames membri li ħadmu flimkien u fi żmien qasir waslu għal xogħol tajjeb. Hawnhekk ninnota li l-kumitat kellu jaħdmu fi ħdanu membri ta' l-Akkademja flimkien ma' oħrajn li, waqt li huma membri, ħadu taħriġ lingwistiku fl-Università. F'dan is-sens ukoll naħseb li dan ix-xogħol huwa ġdid u jista' jqiegħed pedament għal koperazzjoni ikbar bejn l-Akkademja, id-Dipartiment tal-Malti u l-Istitut tal-Lingwistika fl-Università. Niftakar żmien – ma niddejjaqx nistqarru – meta bejn il-promuturi tal-lingwa kien hemm xi ftit tal-bruda, jekk mhux ukoll diffidenza. Fi żmien ieħor l-Akkademja għaddiet minn taħbil li bosta ħasbu li ma tqumx minnu.

It-tweġiba għal dan kollu qiegħda f'dan il-ktejjeb, u fil-kuraġġ u l-ispirtu ta' koperazzjoni li jista' jnebbaħna bih. Dan huwa r-rigal ta' l-Akkademja għall-millennju l-ġdid. Jistħoqqilha tifħir għal dan ix-xogħol u l-awguri li, flimkien mal-promuturi tal-Malti, taħdem biex tilqa' l-isfidi kbar li lsienna qed jiffaċċja, mhux l-inqas bil-pożizzjoni ġdida li pajjiżna – żgħir imma sħiħ – qed ifittex fost sħabu ikbar minnu.

*Dan id-diskors inqara minn Dr. Manwel Mifsud fis-serata mużiko-letterarja tat-tnedija tal-ktieb* **Regoli tal-Kitba Maltija**, *nhar il-5 ta' Marzu 1999 fis-Sala Isouard tat-Teatru Manoel.*

# Insellmu lil……

Mons. Lawrenz Cachia

## ĠANNI CILIA

Ġanni Cilia, li miet fl-Isptar San Luqa fl-4 ta' Lulju 1999 fl-età ta' 94 sena, kien wieħed mill-aktar personalitajiet maħbubin fil-parroċċa ta' l-Imġarr; iżda kien ukoll wieħed mill-pijunieri ta' l-ilsien Malti.

Ġanni twieled Ħaż-Żebbuġ u kien wieħed mill-ħafna aħwa ta' Monsinjur Anton Cilia. Fost ħutu kien hemm ukoll żewġ sorijiet u superjur tal-Mużew. Ġanni nnifsu għamel żmien fil-Mużew qabel mar jgħallem Għawdex fejn iżżewweġ.

Meta ġie minn Għawdex intefa' l-Imġarr fejn baqa' sa l-aħħar u fejn għamel ġid immens lil dak ir-raħal li tiegħu kien f'kull sens is-Surmast. Niftakru jirrakontali kif kien imur il-Biblijoteka Nazzjonali jistudja l-kotba ta' l-Arkitettura biex jgħin lill-imgħallem tal-Knisja jibni l-koppla, meta x-xogħol kien waqaf, għax ħafna qatgħu qalbhom minn dik il-koppla li ma hix komuni għaliex hija għamla ta' elissi. Ġanni ħażż il-koppla fuq iz-zuntier u l-imgħallem seta' jfassal il-ġebel fuq dak id-disinn.

**Kif daħal fil-Malti**

Iżda nħallu ħafna stejjer oħra interessanti u ngħidu kif Ġanni Cilia sar wieħed mill-pijunieri u l-veterani tal-Malti. Kien hemm żewġ kontribuzzjonijiet importanti li kien mitlub jagħti. L-ewwelnett meta l-Malti beda dieħel bis-serjetà fl-iskejjel tal-Gvern, Ġanni kien mitlub iħejji xi kotba tal-Ġografija għat-tfal. Kien jinqala' ħafna bħala għalliem u kien jaf jispjega ħafna, u għalhekk qabbdu lilu ma' xi ftit oħra biex jitħejjew kotba ta' tagħlim għall-iskejjel. Iżda bil-Malti qatt ma kien kiteb wisq, għalhekk beda jfittex kotba dwar il-kitba Maltija u sab u tgħallem sewwa il-*Muftieħ tal-Kitba Maltija* ta' Ġanni Vassallo u l-*Manual of Maltese Orthography* ta' Cremona.

It-tieni pass importanti kien meta, fl-1934, id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Laferla, qabbad lill Ġanni jgħin lil Ninu Cremona jikteb l-Ewwel Ktieb tal-Grammatika. Laferla kien jaf li Cremona kien bniedem kapaċi ħafna fejn jidħol l-ilsien Malti, iżda Laferla deherlu li Cremona ma kellux prattika tat-tagħlim, u għalhekk kellu bżonn l-għajnuna biex il-Grammatika, li kienet maħsuba għat-tfal ta' l-iskejjel elementari,

tkun tiftiehem minn dawk it-tfal bla tbatija. Għalhekk qal lil Cremona biex juri dak li jikteb lill Ġanni u dan jgħidlu fejn għandu jbiddel biex il-ktieb ikun jiftiehem tajjeb.

B'hekk nibtet ħbiberija kbira bejn Cilia u Cremona. U b'hekk Ġanni, li diġà kien iħobb il-Malti tħeġġeġ bl-imħabba għal dan l-ilsien tagħna li kien għadu mhux maħbub kif jixraqlu. Ġanni kien sikwit jikteb artikli b'Malti tajjeb fuq diversi suġġetti. L-aħħar pubblikazzjoni tiegħu kienet ktieb dwar l-Imġarr.

**L-Akkademja**

Ġanni kien membru ta' l-Akkademja tal-Malti u kien jedifika lil kulħadd meta, f'kull laqgħa organizzata mill-Akkademja, kien jiġi dejjem ukoll meta kellu disgħin sena, u kien jiġi bil-karozza tal-linja minn ġo l-Imġarr.

L-Akkademja kienet organizzat laqgħa ta' ġieħ lil Ġanni u lil xi membri oħra meta għalqu t-tmenin sena.

Inħalli għal ħaddieħor li jikteb dwar aspetti oħra ta' dan il-bniedem tassew nisrani u tassew edukatur. Iżda kien xieraq li nsemmi l-imħabba tiegħu u l-kontribut li ta għall-ilsien Malti.

## KARMNU ZAMMIT

Ftit kienu jafu li kien Żebbuġi. Għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu l-Marsa fejn kien joqgħod fi Triq Zerafa, u għalhekk kienu jaħsbuh Marsi.

Karmnu Zammit twieled Ħaż-Żebbuġ fit-8 t'Awissu 1904 u tgħammed fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep jumejn wara. Missieru u ommu, it-tnejn Żebbuġin, kienu Albert Zammit u Vittoria mwielda Psaila. Kif għedt, ma baqax joqgħod Ħaż-Żebbuġ iżda mar il-Marsa fejn dam sakemm kiber sewwa, u fl-aħħar inġabar ma' bintu Isabella fin-Naxxar, fejn miet fil-21 ta' Mejju 1998 fl-eta' ta' kważi 94 sena.

**Fil-Politika**

Karmnu kien ħaddiem it-Tarzna ta' Malta fi żmien meta t-Tarzna kienet wisq differenti mil-lum. Laħaq iż-żmien meta l-moviment tal-ħaddiema u trejdjunjoniżmu kienu kważi għadhom qegħdin jitwieldu u malajr daħal fil-Partit Laburista fejn baqa'

jagħti sehmu sakemm kien għadu jiflaħ, kemm bħala membru attiv kif ukoll bħala kittieb fil-gazzetti Laburisti. Mat-Tabib Henry Sacco waqqaf il-Każin Laburista tal-Marsa fl-1932. Dam tlieta u għoxrin sena president tal-Każin Laburista tal-Marsa (1962-1985), iżda ħadem ukoll għall-partit tiegħu fil-Ħamrun u fl-eżekuttiv ċentrali.

Fis-sena 1930 l-inkwiet politiku-reliġjuż laħaq il-quċċata tiegħu. Wara li l-elezzjoni ta' Mejju 1930 kienet imħassra u, ftit wara i.e. f'Lulju 1930, il-kostituzzjoni ġiet sospiża "biex iwassal leħen u xewqat il-Partit (Laburista) b'aktar enfasi, intbagħat Londra s-Sur Karmnu Zammit, żagħżugħ għaqli u ta' ħila kbira. Hu kien president tal-kumitat distrettwali tal-Ħamrun u assistent segretarju tal-partit. Għalkemm għall-ewwel sab ruħu bbojkottjat minn kapijiet ta' partiti Maltin li ma xtaqux li leħen il-Partit Laburista jinstema' iżżejjed ġewwa Londra, huwa, bit-tħabrik tiegħu rnexxielu jaqla' intervista u jżomm diskussjoni importanti fuq is-sitwazzjoni politika ta' Malta u fuq ix-xewqat tal-Partit Laburista ma' Dr Drummond Shiels, Sottosegretarju ta' l-Istat għall-Kolonji, fis-26 ta'Awwissu 1930. L-għada, biex iħalli bil-miktub ir-rieda tal-Partit Laburista, Karmnu Zammit bagħatlu ittra f'forma ta' memorandum" (*Il-Qawmien tal-Ħaddiem Malti*, Malta 1971, p.72).

Fis-7 t'April 1931 waslet Malta Kummisjoni Rjali li kienet inkarigata tistħarreġ is-sitwazzjoni politika u tagħmel suġġerimenti lill-Gvern Ingliż. Quddiem il-Kummissjoni dehru l-aqwa politiċi ta' Malta u diversi nies oħra. Deher ukoll Karmnu Zammit li ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Kummissjoni Rjali fit-30 ta' Mejju 1931. Karmnu Zammit kien ippreżentat bħala president ta' erba' kumitati distrettwali u kandidat prospettiv Laburista għall-elezzjoni fuq it-tielet u l-ħames distrett kif ukoll bħala kittieb ta' xi artikli fuq is-sitwazzjoni ta' Malta fil-ġurnali *Forward* ta' Glasgow u *Daily Herald* ta' Londra. Karmnu Zammit, għalkemm kien jitkellem tajjeb bl-Ingliż, ipprefera jitkellem bil-Malti, iżda kellu memorandum li qrah bl-Ingliż. Huwa qal li l-kummenti tal-Memorandum kienu tiegħu personali u mhux tal-Partit. Il-memorandum kien twil ġmielu, itwal ħafna mill-bqija tad-diskors l-ieħor tas-sur Zammit.

Fl-1936 Karmnu Zammit kien sar editur ta' ġurnal bl-Ingliż għan-nies tat-Tarzna jismu The Dockyard Worker, organu uffiċjali ta' l-Union of Dockyard Empoyees; kien ukoll korrispondent akkreditat f'Malta tad-Daily Herald. Barra minn hekk kiteb u baqa' jikteb fil-gazzetti Laburisti Maltin għal żmien twil, dejjem favur il-ħaddiem u favur il-partit tiegħu.

**Traduttur tal-Bibbja**

Meta spiċċa mix-xogħol Karmnu Zammit beda jittraduċi l-Bibbja mill-Ingliż għall-Malti. Dan ix-xogħol ta' traduzzjoni ħadlu mill-1962 sal-1980. Biex iħejji ruħu għal dan ix-xogħol huwa qara diversi traduzzjonijiet tal-Bibbja li saru qabel. Kien ukoll tkisser sewwa fl-istudju tal-kitba tal-Malti. Barra minn hekk, kien jaf ukoll it-Taljan u l-Franċiż. L-ewwel darba li dehret il-Bibbja bil-Malti fi ktieb wieħed kienet din il-Bibbja ta' Karmnu Zammit.

It-traduzzjoni ta' Karmnu Zammit saret minn fuq il-Bibbja tal-Protestanti magħrufa bħala l-*King James Version* li l-Ingliżi jistmawha ħafna, kemm bħala traduzzjoni kif ukoll minħabba l-Ingliż sabiħ li fiha.

It-traduzzjoni ta' Karmnu Zammit kienet responsabbli għaliha t-Trinitarian Bible Society. Meta dehret din it-traduzzjoni, xi nies tal-Għaqda Biblika Maltija ħarġu jikkundannawha, iżda jiena kont ktibt f'gazzetta li ma kinitx ħaġa sewwa li tikkundanna din it-traduzzjoni sempliċiment għaliex saret minn fuq verżjoni Protestanta, la darba l-Konċilju kien biddel ċerti normi dwar dan.

Karmnu Zammit kien iħobb l-ilsien Malti u kien membru ta' l-Akkademja tal-Malti. Kien miżżewweġ lil Maria Montfort, li mietet qablu, u kellhom tifel, Albert, li laħaq surmast ta' l-iskola, u żewġt ibniet, Theresa u Isabella, li żżewġu żewġt aħwa, wieħed kurunell fl-armata u l-ieħor neguzjant.

CARMEL CALLEJA

## Sagrifiċċju

U tellajt bħal Isaak
iz-zkuk ta' ħtijieti
U ta' l-għeżież,
biex naħraqhom sagrifiċċju
fuq l-għoljiet..

Tgħid l-Anġlu jilħaq
iżommlu idu
'l Missier Etern?

# Epigrammi

TA' J.J. CAMILLERI

Mar għall-gwerra, xejn ma beża'.
Balal nieżla kullimkien,
Tgħidx kemm werżaq, plejtu ghamel
Għax ra naqra ta' ġurdien.

Fil-but għandhom żewġ bandieri
Bil-kuluri tal-Partiti,
Ixejruhom hekk kif jaqbel.
X'partitarji akkaniti!

Karmni waddbet l-ilma barra
U s-surġent tellagħha l-qorti;
Għaxar liri weħlet multa,
U min joqtol, jisraq spiss,
Jaf jeħlisha kif imiss.

Tibni u tgħolli, tmut u tħalli -
Il-qawl Malti jaf xi jgħid.
Xejn ma swielek, ma tajtx widen,
Mitt sinjur, kollox ħallejt.

In-nisrani x'vantaġġ għandu
Fattih jagħmel, mhux mistmerr,
Jagħmel x'jagħmel jinħafirlu.
L-aqwa jmur kultant iqerr.

Il-pajjiżi lkoll mikduda
B'xi problema serja ferm,
Din mhi xejn ħdejn tas-sinjura
Ma ġiex sewwa xagħarha perm.

Mur għidilha n-nanna tiegħi
Illi l-pizza kienet ftira,
Kemm tistgħaġeb jekk ngħidilha
Li llum tiswa 'l fuq minn lira.

# Ħajku

TA' OLIVER FRIGGIERI

1. Rifes il-bniedem
it-twapet ta' l-għelieqi,
u Alla weġġa'.

2. Sifirt u ġibtlek
das-souvenir: ix-xewqa
li nerġa' lura.

3. Ifeġġu l-kwiekeb
kull met'Alla jittawwal
mit-tieqa Tiegħu.

4. Bħal Ali Bâba
nittawlu fuq id-dinja
minn bieb imbexxaq.

5. Jinżel il-bniedem
f'qiegħ l-oċean biex jifhem
kif kien f'ġuf ommu.

6. Il-ħmar ried jidħol
fi knisja. Qallhom: "F'Betlem
jien kont qabilkom."

7. Xjenzat jittama
li jsib is-sens. Poeta
isib misteru.

8 Ġesù hekk qallu
lill-ħmar: "Min jimxi Miegħi
ikollu jbati."

9 Haruf u tigra
mgħannqin flimkien, jinħabbu.
Hekk tkun il-ġenna!

10 Kull meta l-bniedem
jagħmel għanqbuta, jonqsu
l-għaqal tal-brimba.

11 Jekk baqra tidħol
f'ħanut u titlob 'milk shake,'
Tgħid jagħtuhulha?

## Għal Ġorġ Pisani

TA' J. ZAMMIT TABONA

Xtaqt niġbor l-isbaħ ward ta' l-art Maltija,
Imżewwaq ġewwa qfief l-imħabba tiegħi,
Ir-rand minn ġol-widien ta' werqa Għawdxija
Bil-fwieħa tar-rebbiegħa mgħannqa miegħi;

Għax għeb ir-ragħaj ta' l-għanja tal-Ġgantija,
Ta' ġnien il-qedem rimi l-ogħna friegħi,
Id-diwi ta' ġrajjietna fl-isbaħ dija
Li turi r-ruħ bla star ta' Malta tiegħi:

Għalih għalhekk il-mewġa dmugħ hekk kbira,
Għalih ir-rand u l-ward, u l-għożża tagħna,
Għalih dejjiema l-qima u t-tifkira;

Hekk tibqa' tidwi fostna fil-ġejjieni
Bħal tal-Qassis Poeta mwaħħda magħna,
L-għanja tiegħu mill-qalb għannej waħdieni.

# Ibqa' Int Miegħi

(Abide with Me)

(Kliem oriġinali bl-Ingliż: H.F. Lyte, 1793-1847)
(traduzzjoni. P. Galea Curmi)
Mużika: W.H. Monk (1823-1889)

Ibqa' Int miegħi, dalwaqt il-lejl sar
Mulejja miegħi, ibqa' bħal bi nhar!
Waqt li kull faraġ minn ħaddieħor jgħib,
Fik il-għajnuna, u fik biss insib.

Tħaffef lejn tmiemha, ħajti jum qasir;
Kull hena tagħha, u kull glorja ttir;
Tibdil, taħsir, nara f'kulm'hawn madwar:
Int biss l-istess, tkun miegħi lejl u nhar.

Miegħi irridek, miegħi ta' kull ħin,
Il-Grazzja biss, il-għadu ġġib fix-xejn.
Min jista' bħalek, wens u kenn iġib?
Xita jew xemx, jien lilek biss insib.

Waqt li Int ħdejja, l-għadu ma jbeżżax;
Hemm, dmugħ u niket, lili ma jweġġax;
Int, Mewt, niggieża? Int, qabar, rebbieħ?
Noħroġ rebbieħ, il-Mulej miegħi sħiħ.

Żommli Salibek, waqt li d-dawl inin
Jiddi quddiemi, u jdawwalli l-ħin
Sa sbieħ il-għodwa, meta din l-art tgħib
Lilek Mulejja, f'ħajti u f'mewti nsib!

# L-Aħħar Għalqa

TA' LILIAN SCIBERRAS

Benduwa n-Naxxarija
taf ta' madwar ir-raħal
l-għelieqi u l-ħamrija,
il-ħitan imtellgħa bis-sejjieħ,
l-għorfiet, il-qmura w l-istaġuni,
il-ħxejjex ta' mal-mogħdijiet,
ix-xmux u d-dellijiet
li jiksu ta' raħalha l-artijiet.

Taf ukoll Benduwa t-toroq ewlenija
li fil-ħarifa jieħdu l-ilmijiet.
taf l-imkejjen fejn imaxtru l-merħliet
u r-raħal kollu, tista' tgħid,
b'għemilu w bil-ġrajjiet.

Mas-snin jitkattru sewwa fuq ħajjitha
u t-tikmix jinfirex magħhom fuq suritha
ir-raħal qadim tagħha qata' t-trufijiet
u kiel ir-raba' msawwar tul iż-żminijiet.

Kien fadal bejn il-bini għalqa waħdanija,
daqsxejn ġenna ta' l-art għad mhux mibnija,
fejn Benda u l-merħla mogħoż
kienu għan-Naxxarin
pasturi fi presepju minxurin.

Wasal madankollu l-jum fejn anki
l-għalqa ta' Benduwa sabet prezzha
u qalb dil-mara twajba bħal tbattlet
mit-tifsira ta' ħajjitha
għax ma tifhimx kif jista' jkun
li l-art tinqered mingħajr ħniena
waqt li l-bnedmin u l-bhejjem jirgħu
jisfaw ilkoll iltiema.